MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2006

Numru 988/2004

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca
Spettur Alexander Grech)

vs

Darren Spiteri
Patricia Camilleri
Mary Rose Spiteri
Brenda Mallia
Rose Mary Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati Darren Spiteri, Patricia Camilleri, Mary Rose Spiteri, Brenda Mallia u Rose Mary Camilleri ta' karta ta' identita' rispettivament: 164586(M), 588663(M), 871044(M), 227670(M), 131683(M), akkuzati talli:

1. flimkien ma' persuni ohra illum 13 ta' Novembru 2004 ghal habta ta' xi 12.45p.m. gewwa l-bini tal-Qorti ta' Malta, sitwati fi Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' WPC21 Ashley Bugeja persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita' kompetenti;
2. fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' WPC 21 Ashley Bugeja persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet taghmel jew minhabba li ghamlet dan is-servizz jew bil-hsieb li ibezzghu jew li jinfluwixxu fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi ghamlu offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' WPC Ashley Bugeja skond kif iccertifikat Dr Simone Zammit MD (reg 2782) mill-Isptar San Luqa;
4. fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi ikkagunaw offiza ta' natura gravi fuq ufficjal pubbliku meta r-reat gie mwettaq minhabba li dik il-persuna kienet ghamlet id-dmirijiet tal-kariga taghha;
5. fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi hebbew ghal WPC 21 sabiex jingurjawha, idejquha jew jaghmlulha hsara;
6. fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi qalu fil-pubbliku kliem indecenti u oxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;
7. fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellfu jew inaqqsu l-gieh ta' WPC 21 wegghawha bi kliem jew gesti;
8. fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi imbuttaw lill-imsemmija WPC 21 sabiex weggagha jew jinsultentawha;

Kontra Brenda Mallia wahedha:

9. saret recidiva b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla numru 8 datata 25 ta'

Frar 1994, mill-Qorti ta’ l-Appell datata 21 ta’ Ottubru 1996 u mill-Qorti Kriminali datata 3 ta’ Lulju 1997.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ WPC 21 Ashley Bugeja u tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 383,384 u 385 tal-Kap 9.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali;

Semghet l-ufficjal prosekutur jiddikjara li ma kellux provi aktar;

Semghet l-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jinstema u jigi deciz minn dina l-Qorti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi ai termini tal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali l-imputati huma ilkoll akkuzati:

- b’ingurji jew theddid kontra ufficjal pubbliku jew offizi fuq il-persuna tieghu –Artikolu 95 (Kap 9);
- b’attakk jew resistenza – Artikolu 96 (Kap 9);
- b’offiza gravi fuq il-persuna b’cirkostanzi aggravanti – Artikolu 214,218 u 222 (Kap 9);
- bl-offiza kontravenzjonali ta’ hebb – Artikolu 339(1)(d) (Kap 9);
- bl-offiza kontravenzjonali ta’ ingurji jew theddid – Artikolu 339(1)(e) (Kap 9);
- bl-offiza kontravenzjonali tal-ksur tal-bon ordni jew kwiet tal-pubbliku – Artikolu 338(dd) (Kap 9);
- bl-offiza kontravenzjonali ta’ kliem jew espressjonijiet ta’ dagha fil-pubbliku – Artikolu 338(bb) u 342 (Kap 9);
- bl-offiza kontravenzjonali ta’ imbuttar – Artikolu 339(1)(l) (kap 9);
- bl-offiza ta’ ingurji – Artikolu 252 (Kap 9);

L-imputata Brenda Mallia hija oltre u wahedha akkuzata ta’ recidiva.

Illi l-fatti li taw lok ghall-akkuzi sehhew fil-kuritur tal-Qorti t-isfel wara li kienet tressqet b’arrest Karen Spiteri quddiem l-Magistrat Joseph Apap Bologna. Hekk kif intemmet l-udjenza u l-imsemmija Spiteri kienet harget mill-awla eskortata mill-WPC 21 Ashley Bugeja inqala’ l-incident li ta’ lok ghall-akkuzi odjerni. L-imputati f’dan l-incident iccirkondaw lill-kuntistabbli li in konsegwenza tal-aggressjoni sfat soffriet xi feriti fuq il-persuna taghha.

Illi m’hemmx dubbju li l-kuntistabbli, ossija l-WPC 21 Ashley Bugeja kienet dak il-hin taqdi l-mansjonijiet taghha qua ufficjal pubbliku. Jigifieri kienet inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u l-aggressjoni fuqha saret fil-waqt li kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti.

Illi mix-xhieda li resqet il-prosekuzzjoni jemergi li ghalkemm l-imputati kienu kollha imdawra mal-kuntistabbli kien biss l-imputat Darren Spiteri li gie osservat jaghtiha daqqa ta’ ponn. Hadd mix-xhieda ma osserva ebda iehor mill-imputati jaghti lill-kuntistabbli. Bhala fatt pero’ jirrisulta mix-xhieda li fil-waqt li l-kuntistabbli giet iccirkondata, hi spiccat mal-art, u l-imputati kollha kienu ‘fuqha’, izda hlief ghall-imputat Darren Spiteri, hadd minnhom ma gie osservat fisikament issawwat lill-kuntistabbli. Issa dwar Darren Spiteri hemm ammissjoni tieghu stess fl-istqarrija dwar id-daqqa ta’ ponn li fajjar kontra l-kuntistabbli fil-waqt illi din ta’ l-ahhar xehdet illi “…li ma nistax nghid hu minn minnhom tani d-daqqjiet u dana fis-sens jekk hux uhud minnhom jew kollha. Li nista nghid hu biss dwar l-imputat Darren Spiteri …L-uniku fatt li nista’ nghid fic-cert hu illi mument minnhom l-imputati kollha kienu fuqi”. Dwar il-feriti li sofriet xehed l-konsulent kirugu t-tabib Arthur Felice li accerta li l-griehi sofferti mill-kuntistabbli kienu ta’ natura hafifa. Iddeskriva l-istess griehi li kienu jikkonsistu fi hmura fuq il-parti tax-xellug ta’ wicca u f’abbrazjonijiet fuq

sieqha ix-xellugija. Zied illi “fl-ezamijiet medici irrizultaw tracci mikroskopici ta’ demm fl-urina pero’ ezamijiet ulterjuri urew li ma kien hemm ebda komplikazzjonijiet jew griehi interni jigifieri l-kliewi ma kienux gew affettwati u lanqas is-sistema urinarja”.

Illi gie wkoll mistqarr li l-imputata Patricia Camilleri f’hin minnhom imbuttat lill-kuntistabbli, fatt li imkien ma gie kontradett. Intqal, wkoll mhux kontradett, li l-imputata Rose Spiteri ghajtet u ghamlet storbju.

Illi minn dan il-kwadru tal-fatti li rrisultaw sodisfacjentement ippruvati l-imputati kollha ghandhom jinstabu hatja skond l-Artikolu 96; l-imputat Darren Spiteri ghandu wkoll jinstab hati skond l-istess Artikolu 96 u l-Artikolu 95; u l-imputati Patricia Camilleri u Rose Spiteri apparti l-Artikolu 96 ghandhom wkoll jinstabu hatja skond l-Artikolu 339(1)(d) u 338(dd) rispettivament.

Illi rigward l-imputata Brenda Mallia r-recidiva ma rrisultatx pruvata pjenament u f’kull kaz din il-Qorti mhiex tal-fehma li ghandha jzid il-piena stante li l-partecipazzjoni taghha fl-incident fic-cert ma kienx ta’ misura tali li kieku giet pruvata r-recidiva kien jisthoqqilha awment fil-piena.
Ghalhekk wara li rat l-Artikolu 95, 96, 215, 221,339(1)(d), 338(dd) u 17 tal-Kap 9 fil-konfront tal-imputati kif fuq indikat tiddecidi kif ser jinghad:

i. fir-rigward l-imputati kollha fil-konfront tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 billi tilliberhom bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-sentejn mill-lum;
ii. fir-rigward l-imputat Darren Spiteri billi tikkundannah wkoll multa ta’ Lm100 fil-konfront ta’ l-Artikolu 95 tal-Kap 9;
iii. fir-rigward l-imputati Patricia Camilleri u Rose Spiteri billi tikkundannahom wkoll ghall-ammenda kull wahda minnhom ta’ Lm20 fil-konfront tal-Artikoli 339(1)(d) u 338(dd).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------